Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14452/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0270 (COD)

LIMITE

EF 297
ECOFIN 1079
CODEC 2069
DRS 54
CCG 40

PUBLIC

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (L-ewwel qari)<br>- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja"<br>= Rapport ta' progress (Sitwazzjoni attwali) |

# RAPPORT TA' PROGRESS TAL-PRESIDENZA DWAR IL-ĦIDMA FIL-AHWP DWAR IT-TISĦIĦ TAL-UNJONI BANKARJA

## I. INTRODUZZJONI

1. Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan direzzjonali biex titlesta l-Unjoni Bankarja kif adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2016 (dok. 10460/16, "Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016"), u abbażi tar-Rapporti ta' Progress imħejjija rispettivament mill-Presidenza Netherlandiża (dok. 10036/16), il-Presidenza Slovakka (dok. 14841/16), il-Presidenza Maltija (dok. 9484/17), il-Presidenza Estonjana (dok.14808/17) u l-Presidenza Bulgara (dok. 9819/18), il-Kunsill kompla jaħdem b'mod kostruttiv fil-livell tekniku fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta'

Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS), filwaqt li jimmonitorja l-progress fit-tnaqqis tar-riskju u miżuri oħrajn deskritti fil-qosor fil-Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016.

2. Il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Bankarja (l-"AHWP"), stabbilit fit-13 ta' Jannar 2016 (dok. 5006/16), iltaqa' erba' darbiet taħt il-Presidenza Awstrijaka (fid-19 ta' Lulju, is-17 ta' Settembru, it-12 ta' Ottubru u l-20 ta' Novembru). Il-ħidma kostruttiva relatata mal-proposta tal-EDIS kienet ta' natura teknika billi n-negozjati fil-livell politiku dwar l-EDIS ser jibdew wara li jkun sar biżżejjed progress ulterjuri fil-miżuri tat-tnaqqis tar-riskju, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2016.

3. Dan ir-Rapport ta' Progress tħejja taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza Awstrijaka wara li kkunsidrat il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet u indirizzat diversi sejħiet għal rekord bil-miktub tal-progress miksub mill-Presidenza dwar l-EDIS u l-miżuri biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja. Dan ir-rapport ma jistax jiġi invokat bħala vinkolanti fuq id-delegazzjonijiet peress li jikkostitwixxi l-valutazzjoni tal-Presidenza dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet li seħħew waqt dawn il-laqgħat. Dan ir-rapport huwa maħsub biex jipprovdi kontinwità u jiffaċilita l-kompitu tal-Presidenza li jmiss.

## II. PROPOSTA TAL-EDIS

### A) KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

4. Il-Presidenza għamlet segwitu fuq il-ħidma tal-Presidenza preċedenti Netherlandiża, Slovakka, Maltija, Estonjana u dik Bulgara bil-għan li jsir progress kemm jista' jkun fl-elementi tekniċi pendenti, kif ukoll biex, fejn meħtieġ, tanalizza mill-ġdid id-diskussjonijiet li seħħew fil-passat u tibni fuqhom. Il-Presidenza Awstrijaka ffokat il-ħidma fuq l-esplorazzjoni profonda tal-kwistjonijiet tekniċi marbuta mal-alternattivi differenti għall-mudell inizjali tal-EDIS, inkluż il-mudell ibridu ppreżentat mill-Presidenza. Barra minn hekk, il-grupp ta' ħidma ddiskuta l-aspetti tranżizzjonali fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-EDIS, l-impatt tal-EDIS fuq l-Istati Membri li mhumiex fl-Unjoni Bankarja, miżuri alternattivi u l-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju.

5. B'mod parallel, il-Presidenza Awstrijaka mmonitorjat il-progress miksub f'miżuri għat-tnaqqis tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskji (ara t-taqsima III ta' dan ir-rapport).

## B) KWISTJONIJIET PRINĊIPALI

6. Jitfakkar li l-Presidenza Bulgara kellha diversi diskussjonijiet dwar l-aspetti tekniċi tal-appoġġ ta' likwidità taħt ir-riassigurazzjoni tal-EDIS abbażi tal-ideat espressi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017 u dwar is-self obbligatorju bejn Skemi nazzjonali ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD). Żewġ dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-riassigurazzjoni u żewġ dokumenti informali tal-Presidenza dwar is-self obbligatorju pprovdew il-bażi biex jiġu esplorati l-aspetti tekniċi tagħhom. Matul diskussjonijiet tekniċi kostruttivi, l-Istati Membri identifikaw għadd ta' vantaġġi u żvantaġġi possibbli. Grupp ta' Stati Membri qablu mal-proposta li jiġu esplorati aktar karatteristiċi tekniċi assoċjati mal-mudell ta' riassigurazzjoni, filwaqt li Stati Membri oħra appoġġaw l-approċċ ta' self obbligatorju. B'mod ġenerali, ma ntlaħaq l-ebda kunsens ċar dwar jekk il-karatteristiċi tekniċi tagħhom humiex mixtieqa jew le, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tad-diskussjonijiet politiċi. Bosta argumentaw li r-riassigurazzjoni jew is-self obbligatorju jista' jkun biss mudell għall-"ewwel fażi" possibbli tal-EDIS u li l-għan għandu jkun ta' EDIS żviluppata bis-sħiħ. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw li espressjonijiet bħal "stadji" jew "fażijiet" huma qarrieqa u għandhom jiġu evitati minħabba li dawn jidhru li jimplikaw li ser ikun hemm diversi fażijiet, li ġiet proposta mill-Kummissjoni iżda li għadha ma ġietx deċiża mill-Kunsill.

7. Bħala alternattiva, u sabiex tavvanza d-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma Ad-Hoc (AHWP), il-Presidenza pproponiet li tesplora l-karatteristiċi tekniċi assoċjati ma' mudell ibridu - il-kombinament taż-żewġ mudelli ta' appoġġ ta' likwidità diskussi taħt il-Presidenza Bulgara: ir-riassigurazzjoni abbażi tal-ideat espressi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017 u s-self obbligatorju.

- **Il-Mudell Ibridu**

8. Fil-mudell ibridu għal appoġġ ta' likwidità taħt l-EDIS, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tibqa' ankrata fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġi inkluż komponent fil-livell Ewropew kif ukoll karatteristiċi mill-kunċett tas-self obbligatorju. Il-mudell jinkorpora karatteristiċi li ġew stipulati fid-dokumenti informali tal-Presidenza Bulgara u s-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-kummenti tal-Istati Membri. Bħal dawn iż-żewġ mudelli, mudell ibridu jipprovdi appoġġ ta' likwidità, iżda l-ebda kopertura tat-telf.

9. Dan il-mudell jikkostitwixxi qasma bejn il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (DIF) li jinżamm fil-livell ċentrali u l-fondi li jibqgħu mal-iSGD nazzjonali. L-iSGD nazzjonali jibnu l-fondi tagħhom sa livell fil-mira li jiġi ffissat minn gwida politika, pereżempju 0.4 % tad-depożiti koperti. Imbagħad, l-iSGD nazzjonali jibdew jittrasferixxu il-kontribuzzjonijiet għall-DIF sakemm jintlaħaq livell fil-mira kkombinat ta' 0.8 % skont perkors ta' finanzjament stabbilit minn qabel. F'dan il-mudell, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) jikkalkula u jamministra l-kontribuzzjonijiet għall-DIF, filwaqt li l-iSGD nazzjonali jiffatturaw u jiġbru l-kontribuzzjonijiet għall-DIF u jittrasferuhom fil-DIF.

10. Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet bbażata fuq ir-riskju lill-iSGD nazzjonali jsir abbażi tar-riskju mġarrab mill-bank relattiv għall-banek kollha affiljati mal-iSGD nazzjonali. Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet bbażata fuq ir-riskju għall-DIF isir abbażi tar-riskju mġarrab relattiv għall-banek kollha fl-Unjoni Bankarja.

11. SGD nazzjonali li tiltaqa' ma' nuqqas ta' likwidità tkun tista' titlob likwidità mill-DIF wara li l-ewwel tkun eżawriet il-fondi proprji tagħha sal-livell fil-mira meħtieġ. Jekk jiġi eżawrit il-DIF, il-SRB jista' jitlob aktar likwidità għall-DIF permezz ta' self obbligatorju mill-iSGD nazzjonali l-oħra. Il-SRB jikkoordina, jiġbor u jamministra s-self tal-iSGD nazzjonali l-oħra għall-DIF u jiżborża l-mezzi finanzjarji lill-iSGD nazzjonali fil-bżonn. Bħala l-aħħar rimedju, il-SRB jista' jingħata wkoll il-possibbiltà li jissellef mis-swieq kapitali.

12. Soġġetti għall-gwida politika, il-limiti massimi jistgħu jillimitaw l-ammont ta' appoġġ ta' likwidità li SGD nazzjonali fil-bżonn tista' titlob mill-DIF u/jew il-limiti massimi jistgħu jillimitaw l-impenji tal-iSGD nazzjonali permezz ta' self obbligatorju. Bl-istess mod, jista' jiġi impost imgħax għal appoġġ ta' likwidità.

13. SGD nazzjonali jkollha tħallas lura kwalunkwe appoġġ ta' likwidità li tirċievi fl-ordni li ġej: l-ewwel lill-DIF, li jħallas lura lill-iSGD nazzjonali l-oħra li pprovdew likwidità permezz ta' self obbligatorju. It-tieni, jiġu riforniti l-fondi tal-DIF infushom. Fl-aħħar, l-iSGD nazzjonali tirriforni l-fondi proprji tagħha. Ikun meħtieġ li jinġabru l-kontribuzzjonijiet ex-post kif ukoll li jintużaw l-irkupri mill-proċeduri ta' insolvenza.

14. Skont il-mudell ibridu, l-Istati Membri li jaderixxu mal-Unjoni Bankarja fi stadju aktar tard ikunu meħtieġa jissodisfaw ir-rekwiżiti legali rilevanti kollha u jittrasferixxu mezzi finanzjarji f'konformità mal-mira ta' finanzjament attwali għall-DIF. Diversi Stati Membri indikaw il-preferenza tagħhom għal disinn li jiggarantixxi trattament ugwali għal pajjiżi aderenti ġodda.

15. Is-servizzi tal-Kummissjoni u diversi Stati Membri laqgħu d-diskussjoni dwar il-mudell li kien ikkunsidrat utli biex in-negozjati jimxu 'l quddiem. Xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li fil-grupp ta' ħidma d-diskussjonijiet jiffukaw fuq soluzzjoni ta' "likwidità pura". Diversi Stati Membri ddikjaraw ir-rieda tagħhom li jiddiskutu aktar il-mudell ibridu tal-EDIS biss jekk dan jitqies bħala stadju transizzjonali li jwassal għal EDIS żviluppata bis-sħiħ b'data ta' skadenza ċara għall-implimentazzjoni tagħha iffissata f'livell politiku. Xi Stati Membri enfasizzaw li kwalunkwe mudell possibbli tal-EDIS ma għandux iwassal għal inqas protezzjoni tad-depożitanti milli fis-soluzzjoni attwali tal-iSGD nazzjonali. Xi Stati Membri kkritikaw l-kumplessità tal-mudell ibridu u ppreferew diskussjoni dwar mudell li jista' jwassal mingħajr skossi għal mutwalizzazzjoni sħiħa.

16. Id-dettalji tekniċi tal-mudell ibridu kienu soġġetti għal opinjonijiet diverġenti. L-Istati Membri qablu mal-Presidenza li l-iffissar ta' parametri huwa kruċjali għall-mudell u kwistjoni għal diskussjoni fil-livell politiku.

- **Aspetti transizzjonali**

17. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017 ressqet l-idea li l-introduzzjoni gradwali tal-EDIS u l-bidu ta' kopertura tat-telf fit-tieni fażi tal-EDIS jistgħu jkunu marbuta ma' ċerti kondizzjonijiet li għandhom jiġu vvalutati, possibbilment permezz ta' Analiżi tal-Kwalità tal-Assi (AQR) immirata biex jiġi indirizzat is-Self Improduttiv (NPLs) u l-assi tal-Livell 3.[1]

18. Din il-kwistjoni ġiet diskussa fis-sekwenza li ġejja. L-ewwel, abbażi ta' dokument informali mill-Presidenza, ġew diskussi mudelli differenti ta' transizzjoni fid-dawl tal-AQR immirata. Filwaqt li tqis il-valutazzjoni tal-kondizzjonijiet, l-EDIS tista' tibda fuq bażi skont il-bank, fuq bażi skont l-Istat Membru jew permezz ta' transizzjoni konġunta. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw l-idea ta' sistema ta' bidu komuni biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-Unjoni Bankarja. Is-servizzi tal-Kummissjoni indikaw li transizzjoni konġunta hija l-unika għażla kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Bankarja.

19. Madankollu, l-opinjonijiet kienu maqsuma dwar AQR immirata fil-kuntest tal-EDIS.

20. Is-servizzi tal-Kummissjoni ppreżentaw dokument informali li jissuġġerixxi approċċ immirat rigward il-banek parteċipanti, li għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji ta' effiċjenza u effettività tal-AQR, il-livell ta' riskju u r-rappreżentattività tal-banek tas-sistema l-Unjoni Bankarja.

[1]L-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Livell 3 huma assi u obbligazzjonijiet finanzjarji li mhumiex ikkwotati f'suq attiv u jiġu vvalutati permezz ta' inputs mhux osservabbli sinifikanti.

21. Għadd ta' delegazzjonijiet fakkru fil-ħtieġa li jkun hemm biżżejjed tnaqqis tar-riskju fis-sistema bankarja f'konformità mal-pjan direzzjonali ta' Ġunju 2016 qabel ma tiġi kkunsidrata kwalunkwe transizzjoni u fakkru li AQR tista' tikseb kredibbiltà u trasparenza għas-swieq. Stati Membri oħrajn qiesu li d-diskussjoni dwar AQR hija prematura, peress li s'issa ma ntlaħaq l-ebda ftehim politiku dwar it-tfassil tal-EDIS jew dwar l-istadji possibbli, filwaqt li żewġ Stati Membri opponew għal kollox kwalunkwe diskussjoni dwar AQR fil-kuntest tal-EDIS.

22. Il-fehmiet tal-Istati Membri kienu maqsumin dwar l-approċċ propost innifsu. Xi Stati Membri qiesu li l-eżerċizzju ta' AQR propost jiżgura kondizzjonijiet ekwi għall-banek parteċipanti fl-EDIS. Fil-fehma tagħhom, id-differenzi fis-setturi bankarji fl-Istati Membri kollha f'termini ta' riskju tal-assi kienu wieħed mill-ostakli prinċipali għall-istabbiliment tal-EDIS. Stati Membri oħra oġġezzjonaw għal kwalunkwe AQR li twassal għal transizzjoni differenzjata u li konsegwentement taggrava l-frammentazzjoni finanzjarja filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa għal transizzjoni konġunta għall-Istati Membri parteċipanti kollha.

23. L-Istati Membri esprimew opinjonijiet differenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll dwar il-kriterji tal-għażla ssuġġeriti. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri qablu dwar rwol qawwi għall-BĊE fit-twettiq ta' AQR possibbli, filwaqt li uħud żiedu l-ħtieġa tal-involviment tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

24. Ma ntlaħaq qbil dwar ebda segwitu immedjat għal din id-diskussjoni partikolari, sabiex nistennew l-eżitu tad-diskussjonijiet politiċi dwar it-tfassil tal-EDIS.

- **Preferenza tad-depożitant**

25. L-Artikolu 108 tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) ġab bidla importanti fil-ġerarkija tal-insolvenza tal-banek taħt riżoluzzjoni billi introduċa preferenza għal depożiti koperti u skemi ta' garanzija tad-depożiti għal obbligazzjonijiet mhux garantiti ordinarji u depożiti eliġibbli.

26. Il-preferenza tad-depożitant żiedet b'mod sinifikanti l-possibiltajiet għall-iSGD nazzjonali biex jirkupraw il-pretensjonijiet tagħhom f'insolvenza fl-intier tagħhom. Hija għalhekk għandha implikazzjonijiet importanti fil-kuntest tal-EDIS u b'mod aktar speċifiku fir-rigward ta' pagamenti f'każ ta' insolvenza, minħabba li tista' tnaqqas jew telimina t-telf billi żżid il-possibiltajiet tagħha li tirkupra l-fondi kollha matul proċedimenti ta' insolvenza.

27. F'dan il-kuntest, il-AHWP iddiskuta d-dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-impatt tal-preferenza għal depożiti koperti bħala salvagwardja għall-assigurazzjoni tad-depożiti.

28. Is-servizzi tal-Kummissjoni spjegaw il-pożizzjoni relattiva tal-pretensjonijiet tal-iSGD fil-ġerarkija tal-kredituri fir-rigward tal-pretensjonijiet li jgawdu minn klassifikazzjoni ogħla, u għalhekk minn aktar sodisfazzjoni preferenzjali mill-proprjetà falluta. Huma pprovdew ukoll analiżi addizzjonali abbażi tal-istruttura ta' responsabbiltà tal-banek, li wriet probabbiltà għolja għal irkupru ta'pretensjonijiet ta' insolvenza bħal dawn.

29. Fid-dawl tar-reazzjonijiet limitati mid-delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, il-Presidenza Awstrijaka ddeċidiet li ma tkomplix fuq dan is-suġġett fil-laqgħat li jmiss fl-2018 tal-AHWP.

- **Miżuri alternattivi**

30. Taħt il-Presidenza Awstrijaka u b'segwitu għall-ħidma taħt il-Presidenza preċedenti, kompliet id-diskussjoni dwar il-miżuri alternattivi skont l-Art. 11 (6) tad-DGSD. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jħallu wkoll l-iSGD tagħhom jiffinanzjaw miżuri li jippreservaw aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti, inkluż it-trasferiment ta' assi u obbligazzjonijiet u t-trasferiment tal-ktieb ta' depożitu, fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza, dment li l-ispejjeż imġarrba mill-SGD ma jaqbżux l-ammont nett għall-kumpens tad-depożitanti koperti fl-istituzzjonijiet ta' kreditu konċernati.

31. Wara talba minn xi Stati Membri fil-AHWP taħt il-Presidenza Bulgara, il-SRB ppreżenta l-analiżi tiegħu dwar jekk it-tranżazzjoni biex jiġu finanzjati miżuri alternattivi tistax tkun inqas għalja għall-iSGD milli tħallas likwidazzjoni.

32. Il-SRB ikkonkluda li, b'mod partikolari fil-każ ta' banek b'bażi ta' depożiti b'saħħitha u skont il-firxa tat-telf, jista' jkun hemm ċirkostanzi li taħthom jiġi sodisfatt it-test tal-inqas spejjeż u, għalhekk, il-miżuri alternattivi jkunu żieda siewja għat-toolkit tal-iSGD fil-kuntest tal-EDIS. Is-servizzi tal-Kummissjoni u xi Stati Membri kkondividew din l-opinjoni, filwaqt li Stati Membri oħrajn baqgħu jopponu l-miżuri alternattivi ta' finanzjament b'fondi Ewropej u enfasizzaw li fondi possibbli fil-livell Ewropew iridu jintużaw biss biex jiġu ffinanzjati l-iżborżi tad-depożiti koperti.

- **Metodoloġija ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju**

33. Il-Presidenza kompliet bil-ħidma fuq l-iżvilupp ta' metodoloġija għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju abbażi ta' ġbir ta' data mniedi mis-servizzi tal-Kummissjoni. Hija esplorat il-funzjonament tal-metodoloġija ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju taħt il-fażi tar-riassigurazzjoni.

34. L-Istati Membri ddiskutew il-kwistjoni tal-miżura ta' referenza taħt il-Presidenza Awstrijaka. Fid-diskussjoni, il-parti l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw il-miżura ta' referenza nazzjonali f'konformità mal-proposta tal-2015. Madankollu, xi Stati Membri ppreferew japplikaw ir-referenza tal-Unjoni Bankarja fil-fażi tar-riassigurazzjoni. Stat Membru wieħed issuġġerixxa l-użu ta' "miżura ta' referenza ibrida" bbażata kemm fuq referenza nazzjonali kif ukoll fuq referenza tal-Unjoni Bankarja, u bosta Stat Membri urew ir-rieda tagħhom li jiddiskutu ulterjorment opzjoni tali.

- **L-impatt tal-EDIS fuq is-Suq Uniku**

35. Fil-laqgħa tal-AHWP fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat deskrizzjoni tal-elementi kwantitattivi u kwalitattivi tal-analiżi dwar l-impatt tal-EDIS fuq l-Istati Membri li mhumiex fl-Unjoni Bankarja. Din segwit talba indirizzata lill-Presidenza minn diversi delegazzjonijiet biex fil-proposta tal-EDIS ikun żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri li jagħmlu parti miż-żona tal-euro u ta' dawk li ma jagħmlux parti minnha. L-Istati Membri kollha laqgħu d-deskrizzjoni proposta.

36. Fil-laqgħa tal-AHWP fl-20 ta' Novembru, il-Kummissjoni u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ippreżentaw l-ewwel riżultati tal-analiżi kwantitattiva li indikaw li l-Istati Membri li mhumiex fl-Unjoni Bankarja jibbenefikaw mid-diversifikazzjoni ġenerata taħt l-EDIS u li l-għadd ta' nuqqasijiet ta' likwidità jitnaqqas b'mod sinifikattiv. Din l-analiżi kienet ibbażata fuq data miġbura mill-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-metodoloġija għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju. Fid-diskussjoni fi ħdan l-AHWP, l-Istati Membri laqgħu l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni bħala l-ewwel pass fl-analiżi tal-effetti tal-EDIS fuq is-suq uniku iżda ddubitaw mis-suppożizzjonijiet tal-analiżi, b'mod partikolari li għall-fini tas-simulazzjoni, tqies il-livell ta' mira minimu ta' 0.8 % ta' depożiti koperti kif imniżżel fid-DGSD, u mhux il-livell ta' finanzjament innifsu, li f'xi Stati Membri huwa 'l fuq mil-livell ta' mira minimu. Barra minn hekk, diversi Stati Membri talbu li l-ħidma analitika ulterjuri għandha tiffoka fuq l-impatt tal-EDIS fuq is-suq uniku bħala ħaġa waħda u mhux fuq l-impatt għall-Istati Membri li mhumiex fl-Unjoni Bankarja individwali. Xi ftit Stati Membri appellaw ukoll għall-analiżi tal-effetti ta' opzjonijiet differenti ta' disinn tal-EDIS fuq is-suq uniku kif ukoll biex l-analiżi tan-nuqqasijiet ta' likwidità tiġi ssupplimentata bl-analiżi tat-telf. B'segwitu għad-deskrizzjoni mifthiema fil-laqgħa ta' Lulju tal-AHWP il-Kummissjoni ppreżentat ukoll pjanijiet għall-parti kwalitattiva tal-analiżi.

- **Kontribut għad-diskussjoni dwar il-pjan direzzjonali biex jinbdew id-diskussjonijiet politiċi dwar l-EDIS**

37. L-AHWP iddiskuta dokument informali mill-Presidenza, li qabbel it-tliet mudelli ta' appoġġ ta' likwidità kollha analizzati s'issa fl-AHWP: il-fażi ta' riassigurazzjoni bħal fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017, is-self obbligatorju kif ippreżentat mill-Presidenza Bulgara u l-mudell ibridu kif ippreżentat mill-Presidenza Awstrijaka. Id-dokument informali pprovda wkoll xi indikazzjoni dwar kif kull mudell jista' javvanza u jevolvi. Ir-rapport kien intalab mill-president tal-KEF/EWG bħala kontribut għad-"diskussjonijiet dwar il-pjan direzzjonali biex jinbdew id-diskussjonijiet politiċi dwar l-EDIS" u bħala segwitu għas-Summit tal-Euro ta' Ġunju 2018.

38. Ta' min jinnota li t-tliet mudelli jikkondividu numru ta' karatteristiċi. Dawn jinkludu r-rekwiżit li l-SGD nazzjonali l-ewwel jużaw il-fondi tagħhom fil-livell nazzjonali (sal-ammont stabbilit mill-perkors ta' finanzjament) qabel ma jkunu jistgħu jitolbu appoġġ ta' likwidità. L-aċċess għall-appoġġ ta' likwidità huwa kkundizzjonat ukoll fuq il-konformità mal-qafas legali applikabbli, filwaqt li l-perijodu ta' ħlas lura huwa soġġett għal monitoraġġ regolari.

39. Diversi konklużjonijiet ewlenin ħarġu mid-dokument informali. Filwaqt li t-tliet mudelli huma kunċettwalment distinti, id-differenzi prinċipali fost l-aspetti ekonomiċi tagħhom jirriżultaw mill-istabbiliment tal-parametri. Fil-parti l-kbira l-allokazzjoni ta' fondi bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew u/jew l-istabbiliment ta' limiti massimi jiddeterminaw in-natura tal-mudell. Fir-rigward tal-aspetti operattivi u l-effetti fuq il-fiduċja tad-depożitarju, id-disponibbiltà ta' fondi f'livell ċentrali tkun mistennija ttejjeb ir-robustezza f'każ ta' żborż kif rikonoxxut minn diversi Stati Membri. Madankollu, fond ċentrali tali jkun potenzjalment jinvolvi spejjeż ta' implimentazzjoni u operattivi ogħla minn self obbligatorju b'netwerk ta' SGD nazzjonali. It-tliet mudelli huma differenti fir-rigward tal-potenzjal tagħhom għal evoluzzjoni lejn kondiviżjoni tat-telf, li tista' tkun eħfef biex tiġi implimentata b'mudelli b'fond eżistenti fil-livell ċentrali. Analiżi profonda tal-evalwazzjoni lejn kondiviżjoni tat-telf madankollu ma kinetx parti mid-diskussjonijiet fi ħdan l-AHWP.

40. It-tqabbil tal-mudelli ta' appoġġ ta' likwidità diskussi taħt l-EDIS tfaċċa fl-EWG+ fil-25 ta' Ottubru u fil-Grupp tal-Euro + fil-5 ta' Novembru, iżda f'dik l-okkażjoni ma sar l-ebda progress fir-rigward tad-disinn għall-EDIS.

## III. MONITORAĠĠ TAL-PROGRESS FIR-RIGWARD TAL-MIŻURI TA' TNAQQIS TAR-RISKJU TAĦT IL-PJAN DIREZZJONALI TAL-ECOFIN 2016

### A) PAKKETT BANKARJU

41. Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett Leġislattiv ta' Miżuri għat-Tnaqqis tar-Riskju (il-"Pakkett MTR" jew il-"Proposti MTR") li jinkludi l-5 proposti li ġejjin biex tkun emendata l-leġislazzjoni eżistenti:

- abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 (is-"CRR") fir-rigward tal-proporzjon ta' ingranaġġ, il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, ir-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, ir-riskju tas-suq, l-esponimenti għal kontropartijiet ċentrali, l-esponimenti għal impriżi ta' investiment kollettiv, esponimenti kbar, ir-rekwiżiti ta' rappurtar u ta' divulgazzjoni (il-"Proposta CRR");

- abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/36/UE (is-"CRD") fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, rimunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni kapitali (il-"Proposta CRD");

- abbozz ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2014/59/UE (il-"BRRD") u Direttivi oħra dwar l-assorbiment ta' telf u l-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpanniji ta' investiment (il-"Proposta BRRD");

- abbozz ta' Direttiva li temenda l-BRRD fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti f'ġerarkija ta' insolvenza (il-"Proposta dwar il-Ġerarkija tal-Kredituri Bankarji");

- abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 (l-"SRMR") fir-rigward tal-assorbiment tat-telf u l-Kapaċità ta' Rikapitalizzazzjoni għal istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpanniji ta' investiment (il-"Proposta SRMR").

42. Fil-25 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu qbil politiku dwar iż-żewġ elementi tal-pakkett li kienu tqiegħdu fuq binarju rapidu: abbozz ta' Direttiva li temenda l-BRRD fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti f'ġerarkija ta' insolvenza u abbozz ta' Regolament dwar arranġamenti transizzjonali għall-IFRS 9 u esponimenti kbar.

43. Il-Kunsill laħaq Approċċ Ġenerali dwar il-bqija tal-proposti leġislattivi fil-pakkett fil-laqgħa tal-ECOFIN fil-25 ta' Mejju 2018.

44. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat politiku tiegħu dwar il-"Proposti RRM" fil-Plenarja tiegħu ta' Ġunju 2018. L-ewwel trilogu mal-Parlament beda fil-11 ta' Lulju.

45. L-aħħar trilogi dwar il-pakkett bankarju seħħew fil-21 u t-22 ta' Novembru.

46. Il-Kunsill Ecofin ser ikun mistieden japprova r-riżultati għat-trilogi fil-laqgħa tiegħu fl-4 ta' Diċembru.

## B) MIŻURI BIEX JIĠU INDIRIZZATI L-NPLS

47. Bi tweġiba għas-sejħa mill-Kunsill għal miżuri ulterjuri biex tiġi indirizzata l-problema ta' self improduttiv ġewwa l-UE kif imniżżel fil-pjan ta' azzjoni tiegħu ta' Lulju 2017 biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa, f'Marzu 2018 il-Kummissjoni pproponiet pakkett ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' NPLs, inkluż:

- abbozz ta' Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' kopertura ta' telf minimu għal esponimenti improduttivi għal self li oriġina ġdid li jsir improduttiv (il-"proposta ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tal-NPLs"). Din il-miżura ser iġġiegħel lill-banek iwarrbu fondi biex ikopru r-riskji assoċjati ma' NPLs futuri;

- abbozz ta' Direttiva dwar servizzjanti tal-kreditu, xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral. Din il-miżura għandha l-għan li tipprovdi lill-banek b'mekkaniżmu effiċjenti ta' rkupru tal-valur extraġudizzjarju minn self ipotekarju u li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' swieq sekondarji fejn il-banek jistgħu jbiegħu l-NPLs tagħhom lill-investituri u jagħmlu użu minn servizzjanti tal-kreditu speċjalizzati;

- dokument ta' ħidma tal-persunal tas-servizzi tal-Kummissjoni li fih pjan ta' azzjoni dwar l-istabbiliment ta' kumpanniji maniġerjali tal-assi (KMA) nazzjonali. Id-dokument jipprovdi gwida mhux vinkolanti lill-awtoritajiet nazzjonali dwar kif jistgħu jistabbilixxu KMA li jittrattaw l-NPLs.

48. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji beda d-diskussjonijiet dwar l-elementi leġislattivi tal-pakkett NPL fl-20 ta' April 2018.

49. Fir-rigward tal-proposta ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tal-NPL, il-Presidenza Awstrijaka kompliet id-diskussjonijiet mibdija taħt il-Presidenza Bulgara. L-Istati Membri qablu dwar approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-31 ta' Ottubru 2018 (ST 13570/18). In-negozjati mal-Parlament Ewropew għandhom jibdew minnufih hekk kif jiġi adottat il-mandat politiku tal-Parlament.

50. Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva għadha qed tiġi diskussa fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill. L-Istati Membri esprimew xi appoġġ għall-istabbiliment fil-livell tal-UE tal-mekkaniżmu ta' infurzar extraġudizzjarju aċċellerat għall-irkupru ta' kollateral, madankollu, għad hemm bżonn ta' aktar ħidma li tinvolvi lill-esperti ġudizzjarji.

51. Fir-rigward tal-iżvilupp tas-swieq sekondarji għall-bejgħ u x-xiri ta' self, inkluż self improduttiv, u biex jiġi mħeġġeġ is-servizzjar ta' kreditu fuq bażi transfruntiera, il-parti l-kbira tal-Istati Membri huma favur il-proposta tal-Kummissjoni. Il-Presidenza Awstrijaka biħsiebha tavvanza kemm jista' jkun fir-rigward ta' din il-parti tad-Direttiva bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali parzjali sa tmiem is-sena.

## C) MONITORAĠĠ TAL-PROGRESS F'MIŻURI OĦRA

Minbarra d-diskussjoni dwar il-proposta EDIS, il-grupp AHWP, f'konformità mal-mandat tiegħu, kien qed jissorvelja l-ħidma fir-rigward ta' miżuri oħra mmirati lejn it-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja:

- fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Settembru u tat-12 ta' Ottubru, il-Presidenza ppreżentat x'inhi s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-pakkett bankarju;

- fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Ottubru, il-Presidenza stiednet lill-Kummissjoni taġġorna lill-grupp ta' ħidma dwar il-ħidma relatata mad-"direttiva dwar l-insolvenza"[2]; il-Ministri għall-Ġustizzja waslu b'suċċess għal ftehim dwar approċċ ġenerali parzjali dwar id-"direttiva dwar l-insolvenza" fil-laqgħa tal-Kunsill tagħhom fl-4 ta' Ġunju;

- finalment, l-AHWP kien aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjoni fil-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji dwar l-indikaturi biex jitkejjel il-progress fit-tnaqqis tar-riskju fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) bi tħejjija għat-tmiem tal-perjodu ta' transizzjoni, kif kien appella l-President Centeno fl-ittra tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018 lill-President Tusk.

[2] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u tat-tieni opportunità, kif ukoll miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tar-ristrutturar, tal-insolvenza u tal-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE

## IV. KONKLUŻJONIJIET

Il-Presidenza Awstrijaka tistieden lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-Rapport, bil-ħsieb li l-ħidma tavvanza ulterjorment.

Il-Presidenza Rumena hija mistiedna tibni fuq il-progress li sar meta tieħu f'idejha l-Presidenza u tkompli taħdem għat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja, filwaqt li tindirizza l-linji ta' ħidma differenti tagħha kif maqbul fil-Pjan Direzzjonali ta' Ġunju 2016.